Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,591, 17 ta' Marzu, 2021
Taqsima B

A.L. 109 tal-2021

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 26 tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2021 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mar-Regolamenti tal-2021 dwar Gruppi ta' Persuni f'Proprjetajiet Residenzjali, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 77 tal-2021.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fis-17 ta' Marzu 2021.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Gruppi ta' persuni li rispettivament bejniethom ikunu jgħixu f'iktar minn żewġ (2) residenzi differenti ma jistgħux jinġabru fi proprjetà residenzjali.".